# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2013 fis-6:50pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM).

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Kienu ppreżentati l-emendi ta' Charlene Zammit għaliex din bagħtithom minn qabel permezz ta' *e-mail.* Dawn mhux kollha għaddew kif preżentati bħalma wkoll għaddew l-emendi li xtaqu l-kunsillieri kollha l-oħra dak il-ħin. Dawn il-minuti tas-seduta numru ħamsa wara ħin konsiderevoli ta' diskussjoni kienu approvati u ffirmati, filwaqt illi l-laqgħa bdiet ftit aktar tard għaliex infetħu l-kwotazzjonijiet tal-qsari tal-ħaġar, *computer* u dik tat-taħriġ għall-*istaff*. Peress li l-KLM dam ħafna fil-minuti biex kien stabbilit x'sar u x'intqal fil-laqgħa preċedenti, hawn intqal illi kważi jkun aħjar jekk nibdew nirrekordjaw il-laqgħat tal-KLM mill-ewwel. Is-SE qal li m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrekordjawhom aħna għaliex żgur li meta se jkunu *stream lined*, se jkun hemm min se jirrekordjana.

PUNTI MILL-MINUTI

3. Għal kummenti li dehru fil-minuti preċedenti illi deher li kien hemm nuqqas ta' effiċjenza fit-tiswijiet tal-ħsarat tal-lampa ta' Misraħ il-Fidwa, is-SE ikkopja parti mil-pjanti tad-*database* tal-korporazzjoni Enemalta li fiha ma tidher imkien din il-lampa, ta kopja tar-reġistru elettorali fejn dan Marvin ma jidhirx jabita f'dan il-Misraħ, ta r-rapport tat-tiswija li ingħalaq minn Nexos li kien sar nhar it-23 ta' April, 2013 u li juri li lampa W035 issewwiet nhar l-24 ta' April, 2013 u fuq kollox ġie stabbilit illi din il-lampa ma kellha xejn x'taqsam ma dik li allegatament kienet ilha maqtugħa xahar. Madankollu is-SE ħa personalment lill-ħaddiema ta' *Nexos Street Lighting* fil-post bil-karozza tiegħu, u ġagħlhom jerġgħu jitilgħu magħha u jidentifikaw il-ħsara; liema ħsara kienet imsewwija, filwaqt li Paul Spiteri qal li dan Marvin fuq kollox ma joqgħodx f'Misraħ il-Fidwa, iżda fi Triq San Mikiel, kantuniera bogħod. Għaldaqstant ma kienx identifikat fir-reġistru elettorali.

4. Dwar it-*traffic management* li kien propost mis-Sindku fi Triq iż-Żurrieq k/m Triq Ħal Kirkop intqal illi rridu nagħżlu l-perit l-ewwel biex imbgħad dan jagħmlilna id-diżinn *to scale*, rekwiżita ta' TM.

5. Għal darb'oħra kien hemm ukoll diskussjoni dwar ir-rotot tat-trasport pubbliku, cioe' jekk dawn hux l-aħjar illi jgħaddu minn Triq Sta Katerina jew minn Triq il-Madonna tal-Ġilju. Is-Sindku qal li hemm ħafna raġunijiet għaliex għandhom jerġgħu jibdew jgħaddu minn Triq Santa Katerina, fosthom it-traffiku li qed jiġġamja fl-inħawi tal-Mentna.

6. Il-KLM iddiskuta wkoll il-korsijiet li se jkun qed joffri lill-pubbliku speċjalment f'dawk fis-snajja, bħall-*plumbing* ecc. Is-Sindku qal li għandu x-xewqa illi dawn jitkomplew fix-xitwa.

7. Kien deċiż illi l-KLM jikteb liċ-*Chairman* tal-GAL Xlokk fejn se nuru x-xewqa illi l-Imqabba tixtieq terġa' mill-ġdid tidħol fil-*Local Action Group* u wkoll biex naraw x'obbligazzjonijiet hemm kemm-il darba jsir dan.

8. Kien deċiż illi jsir il-proġett tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa, mhux skont il-BOQ's imħejjija mill-Perit Anthony Bezzina li jammontaw għal €40,000 iżda biex jintefqu mhux aktar minn €4,658.75, l-ammont tat-*treshold* tal-kwotazzjonijiet, billi noħorġu l-istess kwotazzjoni pubblika. Is-Sindku qal li x-xogħol li se jsir se jkun jinkludi biss il-bdil tal-*play equipment*. Paul Spiteri qal illi hu jaqbel illi jsir il-proġett ħolisitiku biex finalment ikun proġett tajjeb kif kien propost mill-Perit Bezzina. Dan ikun possibbli billi jsir f'fażijiet billi l-KLM iwettaq dak li jiflaħ minnu u l-bażiku. Hawn is-Sindku qal illi dan se jsir billi jiġu utilizzati l-fondi tal-Fond għat-Titjib Urban u dawk li l-KLM se jingħata biex isir ir-*reinstatement* fuq it-trinek mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

9. Dwar Miżura 313, Nicholas Briffa qal illi l-flus kollha li ntefqu kienu kollha fuq l-infrastruttura. Dwar dan hu tkellem fi programm tat-televiżjoni bl-isem *Mad-daqqa t'Għajn*, fejn qal illi issa jinħtieġ illi ninvolvu lil każini kollha biex dawn joffru l-ikel tradizzjonali malti lit-turisti u nibdew nieħdu mill-benefiċċju li jħallu gruppi ta' turisti li jiġu jżuruna.

10. Grace Marie Mallia qalet illi l-KLM hu marbut illi jġib ammont ta' turisti kull sena filwaqt li Nicholas Briffa qal illi fil-verita' din il-leġislatura mhi marbuta ma xejn għalkemm issa permezz tal-kumpanija *e-travel solutions* ser nibdew nagħmlu dan. Hu qal li l-uffiċjali ta' din il-kumpanija diġa' qalulu illi minkejja li sar il-proġett tal-Mentna, meta t-turisti jiġu biex jaraw il-katakombi u tkun ix-xita, mhux se jsibu lqugħ. Intant l-ewwel grupp ġej fit-30 u mhux fid-19 ta' Ġunju u dan il-grupp hu mistenni li jkun fih bejn 40 u 50 persuna. Hawn issemmiet il-kaskata li hemm fuq il-Mentna u għaliex din mhix taħdem. Is-Sindku qal li l-KLM għadu ma ħax il-*handing over* għaliex propju waħda mill-*items* li hemm difettuża hija l-istess kaskata. Dwar dan se niktbu ittra lil perit li l-funtana mhux qed taħdem għaliex konna sorpriżi kif m'hemmx komunikazzjoni bejn il-bir li hemm taħt it-triq u l-istess *ballast tank* tal-funtana biex kull darba li din tinxef mill-ilma, terġa' timtela' jekk mhux b'mod awtomatiku, tal-inqas bil-pompa manwalment. Is-Sindku qal li jinħtieġ li ssir laqgħa *on site* biex flimkien mal-kuntrattur, il-perit u l-Aġenzija tal-pagamenti nsolvu dawn il-problemi u qabel ma jsir dan mhux se nieħdu *handing over* għaliex ma nixtiqux illi flok kaskata jerġa' jkollna konok tas-siġar. Hawn Michel Farrugia qal illi ma jixtieqx li fuq il-Mentna jiġrilu l-istess bħal ġnien Tfal ir-Raħal u l-funtana issir konka tas-siġar. Is-Sindku qal li jekk din ma taħdimx, m'hemmx alternattiva.

11. Dwar il-kuntratt mal-*Greenpak Co-operative*, tqassmu l-boroż u issa dan il-kuntrattur kull nhar l-ewwel ġimgħa tax-xahar beda' jiġbor il-ħġieġ minn fuq l-għatiebi tad-djar. Grace Marie Mallia qalet illi jinħtieg illi jinġabar l-iskart separat aktar ta' spiss għaliex speċjalment il-plastik qed jimla' volumi kbar bir-riskju illi dan jinxtered mal-art. Hawn saret referenza għall-iskart ta' kostruzzjoni li qed jintefa' fejn iċ-ċimiterju flimkien ma skart ieħor organiku. Saret referenza għal boroż suwed tal-iskart organiku li qed joħorġu r-residenti biswit il-bandli, filwaqt li s-Sindku semma' l-*Greenpak award ceremony* li se jattendi għaliha nhar il-Ħamis li ġej.

12. Il-KLM iddiskuta l-andament tal-festa. Saret referenza speċjali għall-gwardjani l-ġodda magħżula mir-Reġjun tan-Nofs-in-nhar li kellhom fir-responsabbilita' tagħhom li jiddivjaw it-traffiku f'parti minn Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Is-Sindku qal illi inħass li ma kellniex għajnuna tal-pulizija filwaqt li Charlene Zammit qalet li lilha daruha ħames pulizija meta ġiet biex taċċessa r-raħal. Issemma' wkoll illi xi ħadd fil-pjazza ħareġ saħansitra *bar* kbir li kien inkluż mal-permess eżistenti tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-SE qal li hu jagħti permess biss tal-kabbani u tal-imwejjed u s-siġġijiet u mhux għal ħaġ'oħra, skont l-avviż legali. Kunsillier ieħor qal li dan anke *mobile toilets* privati jkollu. Dwar il-postijiet tal-kabbani li jibqgħu vojta Paul Spiteri qal illi jekk ikun hemm il-vojt dawn jistgħu jimxu 'l quddiem. Is-SE qal illi hu jieħu gost meta jkun hemm xi ħadd li ma jarmax għaliex jaf illi fil-vertia' bosta mill-kabbani huma

ferm ikbar mill-ispazju allokat lilhom u għalhekk ikollhom ftit fejn jiċċaqilqu. Charlene Zammit qalet illi n-nuqqas ta' parkeġġ fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Barrieri, dejjaq ir-residenti. Is-Sindku qal illi jekk minħabba f'dan il-parkeġġ jiġġamja it-traffiku, id-devjazzjoni ma taħdimx bil-konsegwenza li jiffurmaw sriebet ta' karozzi *bumper to bumper.* Mill-att ta' ndafa il-KLM qal li din kienet waħda sodisfaċenti. Lura għall-kabbani din id-darba għal dawk *mobile*, li jiċċaqalqu fuq ir-roti fi Triq Karmenu Ciantar, Charlene Zammit qalet illi vann tal-ġelat startjat ħoloq ammont ta' duħħan u hija ssuġġeriet illi jkun hemm kuntatt għal kurrent elettriku, dejjem jekk inhu possibbli.

13. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-KLM għax-xiri ta' vann, billi s-SE joħroġ sejħa għal kwotazzjoni pubblika. Hu qal li wasal iż-żmien illi jkun hawn trasport għall-ħaddiema tal-Ipsl. Michel Farrugia staqsa lis-Sindku fejn se jorqod bil-lejl l-istess vann u min se jkun responsabbli li jsuqu għaliex jekk ikun f'id waħda mod, u jekk kulħadd ikun jista' jsuqu mod ieħor. Is-Sindku wieġeb illi jekk ma jiġix xi ħadd għax ikun bil-*vacation/sick leave,* ikun inutli li nħallu l-vann f'postu u ma jsirx ix-xogħol. Intant ingħatat l-approvazzjoni u s-SE kien mitlub sabiex joħroġha flimkien ma' dik tal-*play equipment.* Is-SE kien tal-ideja li noħorġu l-offerta għall-*patching* li tkun tinkludi wkoll is-*supply* tal-materjal tal-kostruzzjoni bħal konkos u t-tindif bil-gaffa peress li ingħataw żewġ *direct orders* ta' taħmil ta' plot u tat-tindif tal-ġibjun f'ġimgħatejn b'mod urġenti.

14. Ġie approvat ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2013. Is-Sindku qal illi dan il-perjodu jappartjeni għal-leġislatura preċedenti u dan jaqra bilanċ ta' €9,187. Dan ir-rapport se jkun mgħoddi lid-dipartiment għall-gvern lokali.

15. Kienet diskussa l-offerta pubblika tal-Perit/*Contract Manager.* Paul Spiteri qal li l-offerta tal-Perit Anthony Bezzina hija vantaġġjuza mill-att tar-rati tal-*contract management.* Madankollu Nicholas Briffa qal illi l-aħjar waħda minnhom hija tal-Perit William Lewis għaliex dan lest li jagħmel l-istimi u jagħti l-*consultancy services* b'xejn ukoll, għaliex huma nklużi fil-*contract management fees*. Paul Spiteri qal li għandna nitolbu klarifika dwar l-istimi u l-item tal-*contract management* ta' 0.78% tal-Perit Lewis sabiex il-KLM jaċċerta ruħu illi m'hemmx spejjeż biex ningħataw kwotazzjonijiet u l-*consultancy fees*. Is-Sindku qal li l-istimi huma kruċjali għaliex ikollna bżonn ħafna minnhom. Il-KLM iddeċieda b'mod unanimu illi l-offerta jagħtiha lill-Perit William Lewis kemm-il darba illi jikkonferma li l-istimi u l-*consultancy fees* huma inklużi fil-*contract management fees.*

16. Is-Sindku informa lill-kunsillieri bil-korsijiet li se jsiru fosthom dak tal-ikel taħt is-sala tal-iskola kif ukoll dak tal-*i-kids* li minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni mhux se jsiru fil-librerija pubblika iżda se jsiru fil-lokalitajiet taż-Żurrieq u s-Siġġiewi. Hu qal dan mhux se jsir fil-lokalita' tagħna għaliex minkejja li hemm biex ngħaqdu klassi, jkun inutli jekk it-tfal ma jinqasmux skont l-etajiet. Dan qalu lilu l-manager tat-*TCTC Ltd* li se jkun inkarigat minn dan it-taħriġ. Sadanittant il-ħaddiema tal-KLM qed jaħdmu bank ta' kċina biex fih jitpoġġew *refridgerator* u *cooker*. Dan biex jinżammu ħames lezzjonijiet fit-tisjir li għalihom kull sezzjoni se tiswiena €12.

17. Dwar il-mera li kienet suġġerita fi Triq il-Parroċċa quddiem Sqaq numru 4, is-SE qal li skont il-ħaddiema tal-IPSL, dawn marru biex iwaħħluha l-ħaddiema tal-KLM u dawn ma tħallewx minn sid id-dar li quddiema kienet se titwaħħal din il-mera.

18. Charlene Zammit qalet illi jinħtieġ illi jinbidlu l-*profiles* tal-kunsillieri tal-*website.* Għaldaqstant il-kunsillieri se jgħaddulna l-profile tagħhom ħalli jsir dan mill-uffiċċju.

19. F'punti oħra Grace Marie Mallia tablet biex issir tabella biex il-karozzi jipparkjaw bis-silencers 'il barra, fejn il-flats ta' Triq il-Ħarriġiet. B'riferenza għal dan il-post is-Sindku qal li wara talba li għamel l-ex Sindku Noel Galea biex titpoġġa tabella tal-iskart, il-KLM waħħalha fl-aktar post

loġiku, fil-kantuniera. Charlene Zammit qalet li jinħtieġ illi jerġa' jkun avviċinat is-Sur Pizzuto li għandu fir-responsabbilita' tiegħu id-drenaġġ tal-binja tal-flats tal-Awtorita' tad-Djar, ħalli ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn.

20. Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn li jittrimjaw is-siġar ta' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija li jinsabu ħdejn l-*istage* ta' fejn Triq il-Qattara, għaliex il-friegħi tagħhom deħlin f'għajnejn in-nies.

21. Grace Marie Mallia qalet illi jinħtieġ li nirrikonoxxu lill-istudent Alex Cassar li ħa ħsieb student ieħor, Sandro Zammit mill-Imqabba, li jinsab f'siġġu tar-roti, wara li Alex Cassar rebaħ il-Premju Papa Gwanni XXIII. Is-Sindku issuġġerixxa li dan jingħata rikonoxximent f'Jum l-Imqabba 2013.

22. Inġibdet l-attenzjoni għall-kulur tal-*bus stop* li jinsab fil-Pjazza tal-Knisja, fejn il-każin tal-PL, li ntqal li jrid ikun ta' kulur isfar u mhux abjad.

23. Is-Sindku talab lill-kunsillieri illi jgħinu biex tinġabar l-informazzjoni fiċ-ċensiment lokali li kien imħabbar fl-aħħar ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill li tqassam qabel il-festa tal-Madonna tal-Ġilju.

24. Charlene Zammit qalet illi sabuha xi persuni illi xtaqu li jkollhom transport lejn xi pixxina jew bajja fil-jiem tas-sajf biex imorru jgħumu. Hija qalet li tajjeb li dan it-trasport ikun b'vannijiet li jkunu mgħammra biex iġorru siġġu tar-roti.

25. Inġibdet l-attenzjoni sabiex fis-sit elettroniku jibda jkun hemm avviżi bħal dawk tal-attivitajiet li jkunu se jsiru mill-KLM.

26. Il-laqgħa spiċċat fl-9:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*02/07/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |